MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Numru. 123/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**John Zammit**
**Anthony Zammit**

Kaz Numru: 123/2011

Illum 9 ta' Lulju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**John Zammit**, ta' tlieta u sittin (63) sena, iben Anglu u Maria neé Muscat, imwieled Ghajnsielem, Ghawdex, nhar il-25 ta' Novembru 1948, residenti fil-fond numru Australian Waranata, Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 89548(G),

u

**Anthony Zammit**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bin John u Rose neé Camillieri, imwieled Victoria (Ghawdex) nhar il-05 ta' April 1989, residenti fil-fond numru Australian Warata, Flat 1, Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 19589(G)

akkuzati talli nhar is-07 ta' Marzu 2010, u sentejn ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, gol-fond Australian Warata, Flat 1, Triq Malta, Ghajnsielem:

1. żammew esplożivi mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. żammew esplożivi jew sustanzi li jaqbdu malajr ħafna mhux gewwa reċipjenti li għalihom ma jistax in-nar li fihom dan il-porvli jkun miżmum li ma jkunx hemm periklu u dan bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "B" – *a fol.* 33).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12 u 13).

Rat il-*Proces Verbal* numru 912/11 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 14 *et seq.*).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2014, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni

diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, il-fedina penali taghhom (Dok. "BS 1" – *a fol.* 51 *et seq.* u Dok. "BS 4" – *a fol.* 71), u l-ammissjoni tal-imputati, li ma jistghax jinghad li kienet wahda bikrija *stante* li tali ammissjoni giet registrata wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara rat Artikoli 9 u 17 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati John Zammit u Anthony Zammit hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom kull wiehed ghal perijodu ta' seba' (7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkomettu reat iehor fi zmien sena.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex *in solidum* bejniethom sa zmien xahar millum ihallsu s-somma ta' mitejn u ghoxrin Euro u ghaxar centezmi (€ 220.10) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz (*a fol.* 30 u *a fol.* 65 *tergo*).

Finalment, il-Qorti tordna li, f'kaz li dak li gie ordnat li jsir fid-digriet datat 26 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 44) rigward id-distruzzjoni tal-oggetti li jsir riferenza ghalihom, ghadu ma sarx, dan ghandu jsir immedjatament skond kif imsemmi fid-digriet in kwistjoni.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------